MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 15/2001/1

**Avviz Nru 15/01 - DM**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Hydrodynamics Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm683.58) rapprezentanti danni minnhom jew minn impjegati taghhom ikkagunati f'cable tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar s-22 ta' Gunju 2000 gewwa l-Isptar San Luqa – Gwardamangia.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Lulju 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bis-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccipiet illi:

1 Hija mhijiex responsabbli ghad-danni pretizi mill-Korporazzjoni attrici peress illi d-danni in kwistjoni ma sarux minnha u oltre dan fuq is-site plan ipprovduta mill-istess Enemalta l-cable de quo ma kienx indikat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-
Illi ghalkemm il-kumpanija konvenuta pprezentat nota tal-eccezzjonijiet huma ma gabu ebda provi biex jikkontestaw dak li qed tallega l-kumpanija attrici.

Mid-deposizzjoni ta’ Silvio Decelis jirrizulta illi n-nefqa’ totali sabiex gew irreparati l-hsarat illi kkawzaw il-kumpanija konvenuta ammontaw ghal Lm684 (sitt mija u erba’ u tmenin lira Maltin) kif mitlub fl-avviz.

Waqt illi mid-deposizzjoni ta’ Victor Cini u Salvu Farrugia huwa ikkonfermat illi l-hsara kienet effettivament giet ikkawzata mill-haddiema tal-kumpanija konvenuta li kienu anzi ammettew li kienu laqtu l-cables tal-High Tension waqt li kienu qeghdin jghamlu l-eskavazzjonijiet fl-isptar San Luqa.

Mid-deposizzjoni ta’ Salvu Farrugia jirrizulta in oltre illi qabel ma saret din il-hsara dan kien personalment informa lill-haddiema li kienu qeghdin jghamlu l-eskavazzjonijiet illi fejn li kienu qed ihaffru kien hemm cable tal-Enemalta u setghu jikkawzaw xi hsarat.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta’ ebda prova da parti tal-konvenuti in kontestazzjoni ta’ dak illi gie stabbilit mill-provi tal-atturi, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timerita konferma.

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u mtienja u hamsin centezmi (Lm683.58) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Lulju 2000;

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ49